

Brussell, 21 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13290/22

CES 29

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra datata 8 ta' Marzu 2022, il-President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) informa lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Norbert KLUGE, membru tal-KESE.¹
2. Permezz ta' ittra datata l-11 ta' Awwissu 2022, il-Gvern Ġermaniż ippropona lis-Sa Maxi Catharina LEUCHTERS, *Referatsleiterin für Unternehmensrecht und Corporate Governance, Institut für Mitbestimmung und Unternehmensführung (I.M.U.) der Hans-Böckler-Stiftung* (Kap tal-Unità għal-Liġi Korporattiva u l-Governanza Korporattiva, Istitut għall-Kodeterminazzjoni u l-Governanza Korporattiva (I.M.U.) tal-Fondazzjoni Hans-Böckler), għall-ħatra bħala membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2025.²
3. Skont l-Artikolu 302 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri tal-Kumitat wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni.

¹ 7497/22.

² 11065/22.

4. Il-Kummissjoni ġiet ikkonsultata dwar in-nomina fit-12 ta' Settembru 2022 u tat opinjoni favorevoli fit-12 ta' Ottubru 2022.³
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 12271/22 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

³ C(2022)7158.